MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 87/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Sidney Alan BALDWIN [ID. Nru. 50284A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta attrici fis-7 ta' Frar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta' tlett mija tnejn u ghoxrin euro u erbghin centezmi ta' euro [€322.40] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija tnejn u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€322.40) in konnessjoni ma' servizz ta' internet (AC40140916), u dan skont kuntratt datat 29 ta' Novembru 2009.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-20 ta’ Gunju, 2012, nhar id-9 ta’ Lulju, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar id-9 ta’ Lulju, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett mija tnejn u ghoxrin euro u erbghin centezmi ta’ euro [€322.40], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------